MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1020/1999/1

**FIL-PRIM` AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru : 1020/1999 AL

**Joseph Bugeja f'ismu proprio u ghan-nom ta' bintu Mariella Bugeja**

**vs**

**Eric Abdilla**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur pro et noe fl-4 ta' Mejju, 1999, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi fl-20 ta' April 1998 waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura CBD 356 tal-marka Lada, propjeta tieghu, fi Stabal Road, Qormi bid-direzzjoni lejn Hal-Qormi il-konvenut, sewwieq fil-vettura LAW 647 tal-marka Izuzu Gemini, baqa' diehel fil-vettura tal-attur, ikkagunalha hsara u ikkaguna ukoll feriti fuq l-persuna tal-minuri Mariella Bugeja bint l-attur;

Illi dan sar bhala konsegwenza ta' imperizja traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' April 1998 fi Stabal Road, Qormi, meta l-vettura misjuqa minnu LAW 647 baqghet diehla fil-vettura CBD 356 propjeta' tal-attur;
2. Tillikwida d-danni lilu kagunati kemm minhabba l-feriti sofferti minn bintu minuri Mariella Bugeja kif ukoll minhabba l-hsara fil-vettura okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi;
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata;

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-minuri dwar danni futuri minhabba possibilita ta' konsegwenzi permanenti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 13 ta' Awissu 1998 u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigi respinti bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti :

1. Illi assolutament mhuwiex minnu li l-incident stradali in kwistjoni sehh minhabba n-nuqqasijiet allegati mill-attur;
2. Illi bl-ebda mod ma ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni, sew fizici kif ukoll materjali, sofferti mill-attur u / jew minn bintu minorenni;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Gunju 2003, li permezz tieghu hatret lil Dr Anthony Galea Debono bhala espert mediku biex jezamina lill-attrici Mariella Bugeja u jirrelata bil-miktub jekk l-attrici sofrietx minn xi debilita’ permanenti bhala konsegwenza ta’ l-incident in kwistjoni;

Rat ir-rapport ta’ l-espert mediku Dr Anthony Galea Debono, minnu pprezentat u kkonfermat bil-gurament fit-18 ta’ Dicembru 2003;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tikkoncerna incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta’ April, 1998 fi Stabal Road Qormi ghall-habta erbgha u kwart ta’ wara nofsinhar.

Illi l-attur Joseph Bugeja xehed illi kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Lada Estate bin-numru CBD 356 fi Stabal Road Qormi gej mid-direzzjoni tal-Masa biex imur lejn Haz-Zebbug wara li jghaddi minn Hal-Qormi. Skond hu, kien qieghed isuq b'medja ta' ghoxrin u hamsa u ghoxrin mil fis-siegha u dana peress illi kien wasal f'liwja tat-triq u ghalhekk deherlu li jkun ghaqli li isuq bil-mod. Skond l-istess Joseph Bugeja, f'daqqa u l-hin mid-direzzjoni opposta dehret il-karozza Isuzu bin-numru LAW 647 misjuqa mill-konvenut u din qabdet u daret mal-liwja bi speed qawwi hafna. Joseph Bugeja sostna li ghalkemm ra lill-konvenut gej fuqu mid-direzzjoni opposta ma kellux cans biex jiskapulah. Il-konvenut baqa diehel fuq il-genb tieghu u precisament hadu f'nofs il-vettura fuq in-naha tas-sewwieq. Bid-daqqa li tah ramih u fl-art fejn ramih kien hemm ir-ramel u ghalhekk l-attur xehed li ma setghax jikkontrolla il-vettura tieghu u baqa diehel fil-hajt tal-faccata; liema hajt jisbokka ftit 'il barra u ghalhekk huwa difficli biex wiehed jevitah. Ghalkemm ipprova ma jahbatx ma setghax jikkontrolla l-vettura tieghu bid-daqqa li ha u ghalhekk habat. Joseph Bugeja ikkonferma li l-breakmarks tieghu huma 'il barra mit-triq fejn normalment tigi misjuqa l-vettura u dan ghaliex bid-daqqa li qala is-sewwieq tal-karozza Isuzu il-konvenut ramieh. Joseph Bugeja kompla jixhed illi jekk wiehed jezamina il-break marks tal-vettura Isuzu wiehed jinnota illi dawn kienu fin-nofs tat-triq u twal. Fuq kollox dawn il-break marks tal-vettura tal-konvenut jaqbzu n-nofs tat-triq u jindika car illi l-vettura Isuzu kienet qabzet in-nofs tat-triq ghal fuq in-naha tieghu. Joseph Bugeja kompla jixhed illi kien ghadu kif dar dawra sew il-vettura tieghu xi tlett gimghat qabel l-incident. Kien biddel il-bieba tal-booth u il-bibien ta' quddiem u l-panel beater kien darlu wkoll il-vettura ghas-sadid u sprejjah u kien nefaq hames mija u tletin liri Maltin (LM 530). Wara l-incident il-vettura tieghu giet total loss u ghalhekk jippretendi illi l-konvenut ihallsu s-somma li kien inxurjat ghaliha u cioe' elf u sitt mitt lira Maltin (LM 1,600). Jippretendi wkoll hlas ghal iggaraxxjar tal-vettura tieghu u cioe' mitejn u hamsin lira (LM 250) kif ukoll l-ispiza ta' tmienja u sebghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmi (LM78.75.0) rapprezentanti l-kera ta' karozza ghal hmistax il-gurnata u cioe' bil-hames liri

Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM5.25) ghal kull gurnata.

Illi xehdet Mariella Bugeja bint l-attur Joseph Bugeja fid-9 ta’ Jannar, 2001 u ikkonfermat illi dakinhar tal-incident kienet qeghda fil-vettura misjuqa minn missierha. Hija xehdet illi rat lill-vettura l-ohra qabel ma dahlet fihom u tikkalkula li meta ratha kienet boghod minnha ftit aktar minn sitt piedi. Hija xehdet illi missierha ipprova jikkontrolla l-vettura izda ma setghax u fil-fatt huma baqghu dehlin go hajt. Hija xehdet illi habtet wiccha mal-windscreen u kellha xi feriti fuq imnieherha. Ix-xhud ikkonfermat illi kienu sejrin fid-direzzjoni ta’ Haz-Zebbug u baqghu dehlin go hajt li kien qisu hajt ta’ ghalqa u li ma kienx parti mit-triq.

Illi xehed ukoll PS 116 Richard Cauchi li kien mar biex jinvestiga l-kollizzjoni mertu ta’ din il-kawza. Ix-xhud esebixxa sketch kif ukoll kopja ta’ l-okkorrenza. Dwar il-“presumed spot of impact” indikat fuq l-isketch, ix-xhud qal illi fejn hemm din il-marka huwa aktar fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej Bugeja. In kontro-ezami ix-xhud qal illi l-konvenut ma kienx qallu ghalfejn kien tilef il-kontroll tal-vettura. Kien qallu biss li tilef il-kontroll meta kien qieghed idur il-liwja. Ix-xhud qal ukoll illi l-konvenut kien qallu illi huwa kien ghaddej bi speed normali. Finalment PS 116 Cauchi ikkonferma li mat-triq ma hemmx sinjali, b’mod specifiku ma hemmx sinjali li jaqsmu z-zewg karreggjati tat-triq.

Illi fl-okkorrenza illi tinsab esebita a fol. 50 u 51 tal-process is-Surgent nizzel il-verzjonijiet illi tawh kemm l-attur kif ukoll il-konvenut. Hemm imnizzel fl-okkorrenza illi l-attur qal illi huwa kien ghaddej minn Stabal Road mid-direzzjoni tal-Marsa lejn Hal-Qormi meta f’daqqa wahda il-vettura tal-konvenut giet mid-direzzjoni opposta, kienet f’nofs it-triq u habbtet mal-vettura tieghu. L-attur umbaghad tilef il-kontroll tal-vettura u baqa diehel gol-hajt fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Il-konvenut qal illi kien qed isuq minn Stabal Road mid-direzzjoni ta’ Hal-Qormi meta f’daqqa wahda ra l-vettura misjuqa mill-attur gejja mid-

direzzjoni opposta u tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa diehel fil-vettura misjuqa mill-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur esebixxa kopja awtentikata tas-survey report mahrug fit-8 ta' Mejju 1998 minn John Callus u dana s-survey report juri l-valur li kellha l-vettura ta' l-attur bhala madwar elf u erbgha mitt lira (LM1,400) u l-valur tar-"wreck" bhala madwar mija u hamsin lira (LM150).

Ikkunsidrat :

Illi minn certifikat esebit a fol. 72 jirrizulta illi Mariella Bugeja kellha ferita fuq gbintha u fuq in-naha tal-lemin ta' imnehirha; liema ferita fieqet kompletament u ma halliet l-ebda marka. Madanakollu Mariella Bugeja bdiet tilmenta minn nuqqas ta' memorja u minn ugigh ta' rasijiet u kien ghalhekk li gie mahtur Dr Anthony Galea Debono mill-Qorti bhala espert mediku sabiex jezamina lill-imsemmija Mariella Bugeja u jipprezenta r-relazzjoni tieghu, kif fil-fatt ghamel.

Illi r-relazzjoni ta' l-imsemmi espert mediku tinsab esebita a fol. 77 sa fol. 79 tal-process u minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta illi Mariella Bugeja stqarret ma l-espert mediku illi dakinhar ta' l-incident kienet liebsa s-seat belt, izda mad-daqqa dan tqaccat u habtet rasha mal-windscreen u l-windscreen tkisser bid-daqqa. L-intervista mal-espert mediku saret fil-klinika privata ta' l-istess espert mediku fl-4 ta' Awissu, 2003. L-espert mediku kompla inizzel li ma jirrizultax li Bugeja intilfet minn sensieha. Wara l-habta ittiehdet il-Polyclinic u wara li giet ezaminata marret id-dar. Xi gimghatejn wara l-incident bdiet tbaghti minn ugighijiet tar-ras rikkorrenti, li kienu jigru qisu darba fix-xahar u jdumu xi gurnata. Ma kienx ikollha dardir u taqlib, izda d-dawl kien iddejjaqha u kien ikollha tidhol fis-sodda u torqod. Bejn attakk ta' ugigh ta' ras u iehor kienet tkun normali ghal kollox. Ma jirrizultax illi kien hemm konnessjoni bejn l-ugiegh ta' ras u c-cikli mestruwali taghha u minn ezami kliniku dettaljat ma jirriizultax li kellha anormalitajiet newrologici. Il-

konkluzjoni ta’ l-espert mediku kienet illi, fl-opinjoni ta’ l-istess espert mediku, Mariella Bugeja qeghda tbaghti minn forma ta’ emikranja li tissejjah “migraine without aura”. “L-emikranja hija komuni, izda l-kagun taghha sal-lum ghadu mhux maghruf. Trawma fir-ras xi kulltant tista tkun kagun ta’ bidu ta’ attakki ta’ emikranja. L-immedjatezza tal-bidu tal-attakki tal-emikranja wara l-incident jissuggerixxi relazzjoni qawwija ta’ “cause and effect”. Hija lecita illi wiehed jaccetta illi l-incident kien il-bidu ta’ dawn l-attakki. Bhala disabbilita, izda, din mhijiex ta’ natura severa u mhux stmata aktar minn tnejn fil-mija (2%).”

Ikkunsidrat :

Illi l-espert mediku xehed waqt is-seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2005 u ikkonferma r-rapport tieghu u xehed illi mhux bil-fors li wiehed jintilef minn sensieh jekk jahbat rasu mal-windscreen. Dwar l-ugigh ta’ rasijiet huwa qal illi dak kollu li tnizzel fir-rapport tieghu fuq l-ugigh ta’ rasijiet huwa skond informazzjoni li taghtu Mariella Bugeja. F’dawn il-kazijiet il-kwistjoni hija haga soggettiva, cioe’ skond ma tkun qaltlu l-pazjenta. Ikkonferma wkoll illi minn ezamijiet illi ghamlilha ma irrizultaw l-ebda anormalitajiet neurologici fil-pazjenta Mariella Bugeja. L-espert mediku ikkonferma illi huwa probabbli illi hija bdiet issofri mill-emikranji minhabba l-incident.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut xehed illi dakinhar ta’ l-incident kien qieghed isuq b’velocita normali u kien qieghed fuq is-side tieghu. Kif wasal fejn li-liwja tat-triq ra il-vettura misjuqa mill-attur gejja dritt ghal go fih. Huwa xehed illi l-karozza ta’ l-attur dehret gejja b’velocita qawwija tant li sabu ma wiccu f’hakka ta’ ghajn u qal ukoll illi l-attur ma kienx ghal kollox fuq in-naha tieghu, kien qed idur il-liwja b’certa velocita li gieghelitu jaqta l-liwja u johrog minn ‘sidu’. Hekk kif rah induna li kien ser jidhol go fih u ghalhekk mal-ewwel ghafas il-“break”. Ma setghax jaghmel mod iehor. Skond il-konvenut ma kellux fejn setgha jevitah ghax kif qal sabu ma wiccu u ma setghax idur la naha u lanqas l-ohra u ma

ra lill-attur jaghmel l-ebda manuvra biex jevitah, ghalkemm kellu fejn idur lejn ix-xellug fejn titwessa t-triq. Ghalhekk, skond il-konvenut, l-attur baqa' diehel dritt go fih. Mad-daqqa l-vettura ta' l-attur daret u baqghet diehla ghal go hajt fuq in-naha l-ohra tat-triq, filwaqt li hu baqa fejn kien, cioe' fuq in-naha tat-triq tieghu ftit aktar 'il quddiem minn fejn sehhet id-daqqa. Skond il-konvenut ma kienx minnu illi hu qal lill-pulizija li kien tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Il-konvenut sostna li fl-ebda hin ma tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, izda kien l-attur illi tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Skond l-istess konvenut l-attur kien ghaddej b'velocita qawwija u lanqas biss ma ghafas il-"break" qabel ma habat mieghu, tant li lanqas ma ghamel "break marks" kif fil-fatt jikkonferma l-isketch. Il-konvenut ukoll cahad illi kien f'nofs it-triq. Il-konvenut xehed ukoll illi huwa ra l-isketch l-ewwel darba meta kien ghand l-avukat tieghu. Huwa xehed illi ma jaqbilx ma l-isketch ghaliex skond l-isketch il-vettura tieghu tidher li qeghda 'il barra aktar lejn nofs it-triq, meta hu kien dejjem ghaddej fuq sidu, anke wara l-incident il-vettura tieghu ma kienitx daqshekk 'il barra. Il-konvenut xehed ukoll li ma jaqbilx mal-"break marks" li halla hu skond l-isketch. Huwa ammetta li meta ghafas il-"break" ghamel marki, izda qal li kienux daqshekk twal kif jidhru fuq l-isketch. Dwar Mariella Bugeja huwa xehed illi din dehret normali wara l-incident u baqghet hemmhekk il-hin kollu sa kemm telaq kullhadd. Kellha barxa fuq mohhha izda ma kellhiex dmija. Huwa xehed illi ma jafx kienitx liebsa s-"seat belt" jew le. Il-konvenut xehed illi lanqas ma jaqbel ma dak li xehed l-attur fis-sens illi hu laqtu f'nofs il-vettura tieghu. Huwa qal illi l-attur laqtu bil-mudguard ta' wara tieghu. Huwa xehed illi li kieku kien hemm il-hsarat ta' l-attur kienu jkunu f'nofs il-karozza u mhux kif indikat fir-rapport li kien hemm hsarat fuq in-naha ta' wara tal-karozza ta' l-attur. Huwa qal ukoll illi lanqas ma hu minnu li l-karozza ta' l-attur spiccat "total loss". Il-hsarat li garbet il-vettura ta' l-attur, skond il-konvenut, ma kienux daqshekk gravi u setghu jitrangaw kollha.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll Renald Farrugia li kien riekeb mal-konvenut dakinhar ta' l-incident. Renald Farrugia ikkonferma l-verzjoni li ta l-konvenut sostna li kienu fuq is-"side" taghhom u li kienu ghaddejjin b'velocita normali u qal ukoll illi l-konvenut qatt ma tilef il-kontroll tal-vettura tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami li-konvenut xehed illi l-attur kien ghaddej bi speed ferm aktar minn ghoxrin sa hamsa u ghoxrin mil fis-siegha u hu kien ghaddej bejn hamsin u sittin kilometru fis-siegha. Dwar il-hsarat ikkagunati fil-vettura ta' l-attur il-konvenut xehed illi huwa hareg mill-vettura u ra l-vettura ta' l-attur wara l-incident, izda ra fuqha biss daqqiet fuq il-"mudguard" ta' quddiem fuq in-naha tad-driver u ma rax fuqha daqqiet fuq il-gemb taghha fin-naha tal-lemin. Il-konvenut xehed ukoll illi wara illi l-attur laqtu, il-vettura tieghu, jigifieri l-vettura tal-konvenut, ma iccaqalqitx. Hu zamm il-"break", waqaf, izda mal-impatt il-vettura tieghu ma iccaqalqitx.

Illi xehed Renald Farrugia in kontro-ezami u ikkonferma l-verzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-vettura tal-konvenut kienet eqreb il-genb tal-hajt milli indikat fl-isketch tal-pulizija u l-"break marks" tal-vettura tal-konvenut ma kienux daqshekk twal. Huwa xehed illi minkejja li hareg mill-karozza wara l-incident u hares lejn il-vettura ta' l-attur, hu ra biss hsarat fil-mudguard ta' quddiem tan-naha tal-lemin u ma ralha l-ebda hsarat fil-genb. Mistoqsi jekk il-karozza misjuqa mill-konvenut iccaqalqitx jew le wara l-impatt huwa xehed illi imxiet xi pied 'il quddiem fid-direzzjoni il-fejn kienu sejrin.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Mariella Bugeja in kontro-ezami u mistoqsija kienitx liebsa "seat belt" meta sehh l-incident qalet li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk gietx mad-"dash board" jew mal-"windscreen" qalet ukoll illi insiet u dana meta tlett snin qabel hija qalet lill-espert mediku illi kienet liebsa s-"seat belt", mal-impatt is-"seat belt" inqata u baqghet diehla fil-

"windscreen". Mariella Bugeja meta xehdet bdiet tghid illi insiet kollox u insiet ukoll jekk intilfitx minn sensiha jew le wara l-incident. Xehdet illi insiet ukoll li kien ezaminaha l-espert mediku u qalet illi mhux minn dejjem kienet tinsa b'dan il-mod izda bdiet tinsa wara l-incident. Hija xehdet illi tahdem, ghandha tifla u xogholha taghmlu sew. Ftit hin wara Mariella Bugeja qalet illi issa qeghda tiftakar illi qalet lill-espert mediku li kienet liebsa s-"seat belt", izda wara d-daqqa ma tiftakar xejn. Mistoqsija dwar l-ugigh ta' ras Mariella Bugeja xehdet illi gieli kienet tbaghti b'rasha anke qabel l-incident, imma mhux daqshekk spiss bhal wara l-incident. Hija qalet illi ma ikollhiex emikranja, izda ikollha biss ugigh ta' ras. Mariella Bugeja xehdet illi hija qalet lill-espert mediku illi wara l-incident bdiet tbaghti ukoll mill-memorja. Mariella Bugeja xehdet ukoll illi qabel l-incident gieli wkoll kienet tinsa xi affarijiet, imma mhux daqshekk spiss bhal wara l-incident. Hija xehdet illi meta jkollha l-ugigh ta' ras ikollha toqghod fid-dlam, izda qatt ma tirremmetti u xehdet ukoll illi qabel l-incident kien ikollha dawn l-istess ugigh ta' rasijiet, izda ma kienux ikunu daqshekk spissi.

Ikkunsidrat :

Illi ghar-rigward tar-responsabbilita ta' l-incident din il-Qorti minghajr l-ebda ezitazzjoni issib illi ghall-incident in kwistjoni jahti kompletament il-konvenut. Jidher illi l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'velocita qawwija u minghajr l-attenzjoni mehtiega b'dan illi minkejja li kien qieghed idur il-liwja ma kienx qieghed kompletament fuq is-"side" tieghu izda kien daqsxejn sporgut lejn il-karreggjata ta' l-attur. Meta ra lill-attur gej inhasad u ghafas il-breakijiet f'daqqa u dana jispjega il-"breakmarks" twal illi jidhru fuq l-isketch u ta daqqa sew lill-attur li bid-daqqa baqa sejjer lejn in-naha tax-xellug tat-triq sa ma habat go hajt. Dan jispjega d-daqqiet estensivi li sofra l-attur fuq quddiem tal-vettura tieghu.

Illi jirrizulta wkoll illi l-konvenut laqat lill-attur fuq il-bieb ta' wara tan-naha tas-sewwieq u fuq il-"mudguard" ta' wara tan-naha tas-sewwieq u laqtu bil-"mudguard" ta' quddiem in-naha tal-lemin tal-vettura tieghu, kif ukoll il-"bumper". Il-

konvenut ammetta ukoll a tempo vergine mas-Surgent illi wasal sabiex jaghmel l-isketch u jikteb l-okkorrenza ta' l-incident illi huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa diehel fil-vettura ta' l-attur.

Illi sussegwentement meta xehed quddiem il-Qorti, il-konvenut qal illi huwa ma rax id-daqqiet fuq in-naha tal-bieba ta' wara tal-lemin fuq il-vettura ta' l-attur, izda skond hu laqtu biss fuq quddiem. Cahad ukoll illi kellu "breakmarks" daqshekk twal. Cahad illi l-vettura tieghu kienet qeghda tisporgi fuq in-naha l-ohra tat-triq u cioe' fuq il-karreggjata ta' l-attur u cahad li kien ghaddej bi speed qawwi. Siehbu li kien riekeb mieghu fil-karozza ikkollabora totalment il-verzjoni tieghu.

Illi huwa rilevanti ferm ghall-Qorti l-fatt illi l-konvenut xehed illi mad-daqqa il-vettura tieghu baqghet ezattament fejn kienet, mentri siehbu qal illi mad-daqqa il-vettura tal-konvenut resqet madwar pied 'il quddiem.

Illi kif kullhadd jaf huwa impossibbli illi mad-daqqa vettura ma ticcaqlaq xejn u f'dan il-kaz irrizulta li l-impatt bejn iz-zewg vetturi kien tant qawwi illi l-attur swervja lejn in-naha tax-xellug u baqa diehel go hajt.

Ikkunsidrat :

Illi s-Surgent illi ha l-okkorrenza u ghamel l-isketch xehed illi ma kienx hemm sinjal illi jiddelinja z-zewg karreggjati fit-triq u ghalhekk min kien qieghed isuq minn dik it-triq kellu l-obbligu illi jara illi izomm sew fuq in-naha tieghu. Ghall-Qorti huwa ovvju illi l-konvenut ma kienx qieghed izomm a "proper look out" u s-sewqan tieghu jidher illi kien negligenti jekk mhux addirittura perikoluz. Il-vettura tieghu kienet f'kundizzjoni tajba, izda s-sewqan tieghu kien goff. Meta ra lill-attur inhasad, ipprova irrazzan il-vettura, pero' bl-ispeed li kien ghaddej ma setghax jieqaf malajr u spicca li laqat il-vettura misjuqa mill-attur li konsegwentement baqghet diehla go hajt.

Illi, in rikaputilazzjoni, il-provi kollha juru illi l-konvenut ghandu responsabbilita ghas-sinistru ghaliex hu kien

qieghed isuq fuq in-naha hazina tat-triq meta gie biex idur il-liwja, kif hu wkoll ippruvat mill-vjolenza tal-impatt u l-entita tal-hsarat fil-vettura tal-attur li spiccat “total loss” u minn provi ohra bhal  per ezempju l-“breakmarks” illi juru illi l-konvenut kien qieghed isuq b’velocita eccessiva u li kien minhabba f’hekk illi l-kurva haditu u mar “wrong side”.

Illi certament l-attur ma ghandu l-ebda responsabbilita ghall-incident.  Hadd ma jiddebita sewqan negligenti lill-attur li l-verzjoni tieghu ta’ kif gara l-incident hi kredibbli anke ghaliex hu jidher li kien il-vittma innocenti tieghu.

Illi mill-kumpless tal-provi il-Qorti tasal ghall-konvinciment illi r-responsabbilta tas-sinistru ghandha tigi addebitata kompletament fuq il-konvenut billi kien qed isuq fuq in-naha hazina tat-triq u b’velocita eccessiva.  Dan is-sewqan negligenti kien il-kawza prossima u immedjata ta’ l-incident u l-konvenut ghalhekk ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali.

Illi dwar il-feriti sofferti minn bint l-attur Mariella Bugeja, il-Qorti rat illi Mariella Bugeja kellha ferita fuq gbintha u fuq in-naha tal-lemin ta’ imnehirha; liema ferita fieqet kompletament.

Illi kif diga intqal, il-Qorti hatret espert mediku Dr Anthony Galea Debono illi ikkonkluda illi Mariella Bugeja qeghda tbaghti minn ugigh tar-rasijiet b’konsegwenza ta’ l-incient inkwistjoni u qeghda issofri minn disabbilita permanenti ta’ tnejn fil-mija (2%).

Illi meta Mariella Bugeja xehdet l-ewwel darba waqt is-seduta tad-9 ta’ Jannar 2001, u cioe’ tlett snin wara l-incident, hija fl-ebda hin ma semmiet nuqqas ta’ memorja jew ugigh ta’ rasijiet.

Ikkunsidrat :

Illi kien biss fit-13 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti giet mgharrfa illi kien jehtieg illi jinhatar espert mediku biex jezamina lill-attrici Mariella Bugeja u illi kien jehtieg illi l-espert mediku jezamina lill-imsemmija attrici u jirrelata bil-

miktub dwar jekk hija sofrietx minn xi disabbilita permanenti bhala konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni. Jigifieri din it-talba ghall-hatra ta' espert mediku saret hames snin wara l-incident in kwistjoni. Specifikatament sar rikors ta' l-attur proprio et nomine fis-7 ta' Jannar 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex tahtar espert mediku ghal dan l-iskop. Illi f'dan ir-rikors issemma illi Mariella Bugeja kienet qeghda issofri minn problemi ta' nuqqas ta' memorja.

Illi wara illi l-espert mediku ipprezenta ir-relazzjoni tieghu irrizulta minn din l-istess relazzjoni li Mariella Bugeja fl-ebda hin u mument ma semmietlu li kienet qeghda tbaghti minn nuqqas fil-memorja. Jirrizulta li Mariella Bugeja giet ezaminata minn espert mediku fil-klinika privata tieghu f'Ta' Xbiex fl-4 ta' Awissu 2003 u kienet akkumpanjata minn missierha l-attur. Hija qalet lill-espert mediku li kienet liebsa s-"seatbelt" u mad-daqqa is-"seatbelt" tqaccat u habtet rasha mal-windscreen; liema windscreen tkisser bid-daqqa. Hija qaltlu wkoll illi ma intilfitx minn sensiha. Giet ezaminata fil-polyclinic u marret id-dar. Izda xi gimghatejn wara l-incident bdiet tbaghti minn ugieghat tar-ras rikkorrenti, li kienu jigru qisu darba fix-xahar u jdumu xi gurnata u ma jidhirx li kien hemm konnessjoni bejn l-ugiegh ta' ras u c-cikli menstruwali taghha. Mill-ezami kliniku dettaljat li ghamlilha l-espert mediku ma irrizultax li Mariella Bugeja kellha li anormalitajiet newrologici.

Illi jirrizulta li Mariella Bugeja qalet lill-espert mediku illi bdiet issofri minn dawn l-ugigh ta' rasijiet gimghatejn wara l-incident u ma kienitx sofriet minnhom qabel u kien ghalhekk illi l-espert mediku ikkonkluda illi "l-immedjatezza tal-bidu tal-attakki tal-emikranja wara l-incident jissuggerixxi relazzjoni qawwija ta' "cause and effect". Hija lecita illi wiehed jaccetta illi l-incident kien il-bidu ta' dawn l-attakki (a fol. 78 u 79 tal-process)."

Izda meta Mariella Bugeja xehdet fil-Qorti kemm l-ewwel darba fid-data li issemmiet aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, kif ukoll fit-tieni darba li xehdet, u cioe' waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2006, Mariella Bugeja in kontro-ezami bdiet tixhed fis-sens illi ma hija qeghda tiftakar xejn li gara wara

l-incident in kwistjoni u skond hi insiet jekk tkellmitx dwar in-nuqqas ta’ memorja taghha ma l-espert mediku.

Illi m’huwiex verosimili li persuna hija daqshekk preokkupata fuq in-nuqqas ta’ memorja taghha, jigi mahtur espert mediku mill-Qorti proprju sabiex jezamina din il-kundizzjoni taghha, u hija lanqas biss tkellmu dwar din il-kundizzjoni.

Illi certament li kieku hija kellmitu fuq din il-problema l-espert mediku kien isemmiha fir-rapport tieghu.

Illi wkoll waqt din is-seduta tat-23 ta’ Novembru 2006 Mariella Bugeja, kuntrarjament ghal dak li qalet lill-espert mediku, sostniet illi hija minn dejjem kienet tbaghti minn dawn l-ugigh ta’ rasijiet, izda skond hi dawn zdiedu wara l-incident awtomobilistiku. Stranament kull ma ftakret Mariella Bugeja b’certezza kien illi dakinhar ta’ l-incident hija kienet liebsa s-“seat belt”, izda ghal ewwel qalet li ma kienitx tiftakar jekk kienitx liebsa s-“seat belt” jew le u kien biss meta giet imfakkra li hija qalet li kienet liebsa s-“seat belt” lill-espert mediku illi ikkonfermat illi kienet liebsa s-“seat belt” meta sehh l-incident in kwistjoni. Mariella Bugeja xehdet ukoll illi ma tbaghtix bi problemi fuq xoghol. Hija xehdet ukoll illi anke qabel l-incident kienet tinsa, izda mhux daqshekk spiss bhal wara l-incident.

Ikkunsidrat :

Illi Mariella Bugeja, meta giet ezaminata mill-espert mediku, svijatu fis-sens illi ma qaltlux illi kienet tbaghti mill-ugigh ta’ ras anke qabel l-incident in kwistjoni u lanqas biss semmietlu l-kwistjoni tat-telf tal-memorja li allegatament qeghda issofri minnha.

Illi kif qal l-istess espert mediku, il-kwistjoni jekk Bugeja hijiex qed isofri jew le mill-ugigh ta’ rasijiet u l-frekwenza taghhom m’hijiex xi haga li tista tigi xjentifikament ippruvata izda hu strah biss fuq dak li qaltlu l-istess Mariella Bugeja.

Illi dwar hsarat ta' natura newrologica l-espert mediku qal illi wara li ghamel l-ezamijiet kollha irrizultalu illi Bugeja ma issofri minn ebda anomalija ta' natura newrologica.

Ikkunsidrat :

Illi Mariella Bugeja, meta xehdet il-Qorti, ma kienitx kredibbli u dana peress illi kull darba li xehdet biddlet il-verzjonijiet taghha. Filli tghid illi tiftakar illi kienet liebsa s-"seatbelt" u illi wara l-incident baqghet lucida u filli tghid illi ma tiftakar xejn wara l-incident lanqas biss jekk kienitx liebsa s-"seatbelt" u kien biss wara li giet imfakkra li hija qalet lill-espert mediku li kienet liebsa s-"seatbelt" illi bhal donnha ftakret li kienet liebsa s-"seat belt".

Illi l-istess Mariella Bugeja xehdet illi hija minn dejjem baghtiet mill-ugigh ta' rasijiet u skond kif ikkonkluda l-istess espert mediku fir-rapport tieghu, min jibda ibaghti b'dawn l-ugigh ta' rasijiet jibqa dejjem ibaghti minnhom tul hajtu kollha.

Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi Mariella Bugeja mhijiex issofri minn ebda disabbilita permanenti b'tort ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

Illi f'dan ir-rigward huwa pertinenti ferm il-fatt illi t-talba ghall-hatra tal-espert mediku saret fl-2003 meta l-incident awtomobilistiku sehh fl-1998. Huwa pertinenti ukoll illi meta xehdet Mariella Bugeja l-ewwel darba ma semmiet xejn dwar ugigh ta' rasijiet, jew dwar telf ta' memorja, izda dan kollu, kif diga intqal, inqala aktar minn hames snin wara l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, u dan meta skond l-istess Mariella Bugeja hija mal-ewwel bdiet issofri mill-ugigh ta' rasijiet wara l-incident awtomobilistiku.

Illi dwar il-ferita ta' natura superficjali li kellha Mariella Bugeja tort ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, l-istess attur ipproduca certifikat mediku minn fejn jirrizulta illi din il-ferita fieqet kompletament u ma ghadhiex tidher.

Illi ghar-rigward tal-kwantum tad-danni sofferti mill-attur l-vettura ta’ l-attur spiccat “total loss” wara l-incident u illi l-valur taghha qabel ma sehh l-incident huwa fir-regjun ta’ elf u erba’ mitt lira (LM 1,400).

Ikkunsidrat :

Illi l-attur qed jitlob ukoll is-somma ta’ mitejn u hamsin lira li skond hu jirrapprezentaw l-ispiza ta’ l-iggaraxxjar tal-karozza, izda huma ma esebixxa l-ebda ricevuta u tella jixhed lil hadd sabiex jikkonferma dan l-ammont u ghaldaqstant il-Qorti mhijiex ser takkordalu din is-somma li skond hu nefaq ghall-iggaraxxjar tal-vettura tieghu. L-attur talab ukoll is-somma ta’ tmienja u sebghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (LM 78.75), rapprezentanti il-kera ta’ karozza ghal hmistax il-gurnata u cioe’ hames liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu ghal kull gurnata.

Illi f’dan il-kaz ukoll l-attur naqas milli itella lil xi hadd sabiex jikkonferma li effettivament huwa nefaq din is-somma fuq kera ta’ karozza u lanqas ma esebixxa l-ebda ricevuta, u kif inhu ben saput l-oneru tal-prova hija fuq min jallega. Una volta l-attur ma irnexxielux jipprova dak li huwa allega il-Qorti mhijiex ser takkordalu lanqas dan l-ammont li skond hu nefaq sabiex kera vettura ghall-perijodu imsemmi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta’ April 1998 fi Stabal Road, Qormi, meta l-vettura misjuqa minnu LAW 647 baqghet diehla fil-vettura CBD 356 propjeta tal-attur, tilqa limitatament t-tieni talba attrici u tillikwida d-danni lilu ikkagunati minhabba hsara fil-vettura tieghu fis-somma ta’ elf u erba mitt lira Maltin (LM 1,400), izda tiddikjara li ma hemm l-ebda danni x’jigu likwidati minhabba l-feriti sofferti minn bintu Mariella Bugeja ghaliex bintu Mariella Bugeja ma sofriet l-ebda danni kawza ta’ l-incident in kwistjoni. Tilqa t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine is-somma ta’ elf u erba’ mitt lira Maltin (LM 1,400).

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------